TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 288/10

**Caroline Nathan**

**vs**

**Farrugia Lightning**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 t'Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u tnax-il ewro (€112), rappreżentanti prezz tliet *external wall lights* illi spiċċaw ikkrekkjati u bis-sadid.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat tliet *external wall lights* u wara ftit żmien dawn bdew jitmermru, l-ħġieġ beda jixxaqqaq u ħarġilhom is-sadid.

**It-Tribunal jinnota illi:**

L-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll, it-Tribunal jinnota illi sal-ħin tas-seduta l-intimat kien għadu ma ppreżentax risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li spezzjona dawn l-*external wall lights*, jinnota illi dawn kellhom il-*plastic cover* tal-fanal immermer għal kollox bl-element u t-Tribunal jikkonsidra li dawn m'għandhomx ikollhom daqshekk ħsara fi żmien daqstant qasir.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tmenin ewro (€80), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**